# Kunsill Lokali L-Imġarr

22, Triq Sir Harry Luke, L-Imġarr, MGR 1501, Malta
Tel : 21 520011 / 27 520011 Fax : 21 522252
mgarr.lc@gov.mt
***www.mgarrlc.com***


## Seduta numru 8 tas-7 Leġislatura
## Illum l-Erbgħa 16 t' Ottubru 2013

**MINUTI**

Il-Membri li jikkomponu is-7 Leġiżlatura tal-Kunsill Lokali ta' l-Imġarr iltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv għas-Seduta Numru 8 tas-7 Leġiżlatura tal-Kunsill Lokali Mġarr nhar l-Erbgħa, 16 ta' Settembru 2013, fl-Uffiċċju Amministrattiv, fuq din l-aġenda:

1. Approvazzjoni tal-Minuti
2. Korrispondenza
3. Kommunikazzjonijiet
4. Hruġ ta' Sejħiet għall-Offerti, Kwotazzjonijiet u Expression of Interest
5. Update dwar il-Proġetti
6. Vakanza ta' Uffiċċjal fi' Skala 11
7. Affarijiet Mixxelanji

Kienu preżenti is-Sindku Paul Vella, Id-Deputat Sindku Eman Vella, Il-Kunsillier Clayton Gauci, il-Kunsillier Elizabeth Ebejer u l-Kunsillier Mario Sammut, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Cyprian Dalli.

Il-laqgħa ġiet immexxija mis-Sindku, Paul Vella.

*** Laqgħa mal-Perit Etienne Magri dwar proposta ta' żvillupp fil-viċinanzi tat-Tempji ta' Haġrat**

Qabel il-bidu formali tas-seduta, issejjħet laqgħa mal-perit tal-kunsill, Etienne Magri f' isem il-kumpanija Design & Technical Resources (DTR) Ltd, dwar l-iżvillupp propost (Ref. 357/13) fi' Triq San Pietru, qrib it-tempju Neolitiċi ta' Haġrat. F' din il-laqgħa il-perit intalab jagħti rapport dwar dan l-iżvillupp sabiex il-Kunsill ikun informat bl-istat u ir-riperkussjonijiet ta' dan l-iżvillupp.

Il-perit informa li il-planning criteria hekk kif mitluba mill-MEPA ġew kollha milħuq mill-iżvilluppattur u għaldaqstant ma kienx hemm raġunijiet tekniċi għalfejn dan l-iżvillupp ma jinħariġlux permess.

22, Triq Sir Harry Luke, L-Imġarr, MGR 1501, Malta
Tel : 21 520011 / 27 520011 Fax : 21 522252
mgarr.lc@gov.mt
*www.mgarrlc.com*

Il-Kunsill, wara li sema' ir-rapport tal-perit u ra l-aħħar korrispondenzi dwar dan il-każ, u wara li osserva li ma kienx hemm ksur ta' raġunjiet tekniċi skond il-liġi tal-ipjanar, iddeċieda li jappella għall-dan l-iżvillupp minħabba raġunijiet ta' ħarsien ta' patrimonju u minħabba il-valur inestimabbli tas-sit ta' Haġrat.

Wara din id-diskussjoni, il-perit Magri ħalla il-miġemgħa u is-seduta setgħet tibda'.

**1 Minuti**

1.1 Il-Minuti ġew meqjusa moqrija u wara konsiderazzjoni ġew approvati kif ippreżentati u għalhekk iffirmati mis-Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku.

**Punti mill-Minuti**

1.2 dwar punt 1.2: Eman Vella informa li l-mawra f' Castelmola fi' Sqallija kienet saret fit-13 ta' Ottubru. Il-Kunsill tal-Imġarr u dak Sqalli qablu li titkompla l-korrispondenza bejn iż-żewġ entitajiet bl-iskop li tissaħħaħ ir-relazzjoni bejn iż-żewġ postijiet;

1.3 dwar punt 1.7 : Eman Vella informa li fis-17 ta' Settembru kienet intefgħet applikazzjoni ta' DNO mal-MEPA għall-dan il-proġett ta' tindif fil-wied tal-Ġnejna biex ikun jista' jinbeda' ix-xogħol;

1.4 dwar punt 2.5 : Is-Sindku informa li dawn iż-żewġ 'Clean-Ups' kienu saru u tneħħa ammont konsiderevoli ta' skart kemm minn fuq il-bajja kif ukoll mill-baħar.

1.5 dwar punt 4: Eman Vella informa li l-applikazzjoni għall-Miżura 313 iddaħħlet fil-ħin u kienet qed tiġi ezaminata mill-MAGF;

1.6 dwar punt 5 : Is-Segretarju Eżekuttiv informa li kien irċieva talba mingħand Dorienne Mifsud u Natasha Cassar li is-siegħet li ħadmu għall-din l-attivita' jingħatalhom bħala 'time-off' bis-siegħa:siegħa u nofs. Il-kunsill qabel ma dan.

1.7 dwar punt 6.2 : dwar il-BIS ta' Triq San Pietru, Elizabeth Ebejer ressqet proposta li jsiru proġett ta' BIS taħt l-art. Is-Sindku semma' li proposta simili kienet ġiet analizzata fil-passat u ma kinitx viabbli. Semma' li l-aħjar li ssir hija pjattaforma biex isir kontroll aħjar fuq it-tixrid taż-żibel fis-sit.

1.8 dwar punti 6.3 & 6.4 : wara it-talbiet ta' Clayton Gauci u Mario Sammut dwar l-istat li fih waslu diversi proġetti, ġie maqbul li s-Sgretarju jsejjaħ laqgħat mal-periti Etienne Magri u Mariello Spiteri biex jiġu kkjarifikati diversi punti u mistoqsijiet. (ara punt 5)

22, Triq Sir Harry Luke, L-Imġarr, MGR 1501, Malta
Tel : 21 520011 / 27 520011 Fax : 21 522252
mgarr.lc@gov.mt
*www.mgarrlc.com*

## 2 Korrispondenza

2.1 Ġew innuttati diversi memos mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

2.2 Ġew innuttati diversi korrispondenzi u notifikazzjonijiet mingħand il-MEPA.

2.3 Kommunikazzjoni mingħand Melchior Dimech, kuntrattur f' isem il-kumpanija Dimbros Ltd. għall-ġbir ta' skart goff sabiex is-servizz jibda' jiġi offrut nhar ta' Tlieta minflok nhar ta' Erbgħa. Il-Kunsill qabel dwar dan u ppropona li l-bidla sseħħ mit-Tlieta 5 ta' Novembru.

2.4 Is-Segretarju Eżekkutiv informa li kien irċieva talba sabiex titwaħħal tabella fl-islipway tal-Ġnejna biex ma jitħalliex parkeġġ f' dan il-post. Il-Kunsil qabel li din issir.

2.5 Is-Segretarju Eżekkutiv informa b' korrispondenza fejn is-Sinjorina Isabelle Camilleri kienet qed tfittex lill-Kunsill Lokali għall-dan meta kellha puncture minħabba stat ħażin ta' triq hija u ssuq fi' Triq Għajn Tuffieħa. Il-Kunsill ħa passi immeddjati sabiex it-triq tittranġa u kien ser joffri kumpens ta' 60% tat-talb ta' Camilleri.

2.6 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li kien pie avviċinat mis-Supretendenza tal-Beni Kulturali sabiex jinstab arkeologu biex jissorvelja ix-xogħol relatat mar-resurfacing tat-toroq l-Amarozz, Aruna, Karamelli bħala parti mill-proġett tal-PPP. Is-Segretarju kien ser jibgħat jistaqsi għall-diversi kwotazzjonijiet ta' dan is-servizz min fost il-lista ta' arkeologi li intbgħatet direttament mis-Supertendenza.

2.7 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-membri tal-Kunsill kienu ġew mistiedna għal-laqgħa ta' djalogu dwar l-Unjoni Ewropeja li ser issir nhar is-7 ta' Novembru.

## 3. Komunikazzjonijiet

3.1 Eman Vella informa li l-applikazzjoni għall-Miżura 125 kienet ġiet l-ewwel fil-klassifikazzjoni tal-MAGF u il-Kunsill seta' jibbenefika min massimu ta' €30,000 għall-dan il-proġett.

3.2 Is-Sindku informa li matul il-proċess ta' rinnovvar tal-bandli f' Ta' Skorba u Triq l-Alwiża, inħass il-bżonn li issiru aktar modifikazzjonijiet u xogħlijiet sabiex dawn iż-zewġ żoni ta' rikreazzjoni jiġu skond l-istandards mħejjija u mitluba mill-MCCAA. Il-Kunsill qabel li dan ix-xogħol isir hekk kif diġa' qed isiru modifikazzjonijiet fiż-żewp siti. Ser jinħarġu kwotazzjonijiet/tenders għall-dan il-proġett. (ara punt 4)

3.3 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li, skond l-aħħar informazzjoni li kellu mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali, il-ftehim dwar il-proġett tas-sit tal-Għasfura kien jinsab għand il-Ministru tat-Turiżmu u is-Segretarju Parlamentari għall-Kultura u Gvern Lokali. Min hemm, dan il-ftehim ikollu bżonn l-approvazzjoni tal-Ministru tal-Finanzi qabel ma jkun jista' jiġi iffirmat mill-Kunsill mal-partijiet l-oħra.

## 4. Ħruġ ta' Sejħiet għall-Offerti, Kwotazzjonijiet u Expression of Interest

4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq lista ta' sejħiet għall-kwotazzjonijiet għall-servizzi li kien hemm bżonn li jinħarġu. Dawn jinkludu:

- Manutezjoni u Restawr tan-Niċċa tal-Madonna f' Binġemma;
- Manutezjoni u Restawr tas-Salib tal-ġebel ta' taħt il-Knisja Parrokkjali;
- Apparat u sistema ta' Online Live-Streaming;
- Railing tal-ħadid iggalvanizzat fil-bandli ta' Triq l-Alwiża.

4.2 Il-Kunsill approva din il-lista u ġie deċiż li d-data ta' skadenza ta' din is-sejħa tkun l-Erbgħa 6 ta' Novembru 2013.

4.3 Ġie deċiż ukoll li tinħareġ sejħa għall-offerti tal-bdil tar-rubber flooring fiz-zona tal-bandli ta' Triq l-Alwiża (ara punt 3.2)

## 5. Update dwar il-Proġetti

5.1 Ingħatat ħarsa lejn il-proġetti pendenti li għandu l-Kunsill bħalissa.

- Miżura 125 : il-MAGF ikkommetta massimu ta' €30,000 għall-dan il-proġett;
- Miżura 313 : l-applikazzjoni qed tiġi analizzata mill-MAGF;
- Resurfacing tat-Toroq PPP : qed isir koordinament mas-Supretendenza tal-Beni Kulturali, il-perit u l-kuntrattur biex ix-xogħol jibda' fl-iqsar żmien possibbli. Il-Kuntrattur informa li jinsab lest biex jibda' ix-xogħol;

Bħalma ssemma' diġa' f' punt 1.8, il-Kunsill ser ikun qed jitlob laqgħat maż-żewġ periti tal-Kunsill biex jingħata informazzjoni dwar l-iżvilluppi tad-diversi proġetti tal-Kunsill.

Kunsill Lokali L-Imġarr
22, Triq Sir Harry Luke, L-Imġarr, MGR 1501, Malta
Tel : 21 520011 / 27 520011 Fax : 21 522252
mgarr.lc@gov.mt
*www.mgarrlc.com*

**6. Vakanza ta' Uffiċċjal fi' Skala 11**

6.1 Wara diversi kuntatti li saru bejn is-Segretarju Eżekuttiv u id-Dipartiment tal-Gvern Lokali, il-Kunsill qabel li ma kinitx ħarġet approvazzjoni ċara li tindika li l-Kunsill jista' jmexxi u joħroġ din is-sejħa.

6.2 Għaldaqstant, u fl-azzenza ta' din, il-Kunsill talab lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex isejjaħ laqgħa mal-uffiċċjali tad-Dipartment tal-Gvern Lokali dwar ir-Risorżi Umani sabiex jiġi diskuss dan il-bżonn u sabiex din is-sejħa toħroġ mill-aktar fis.

**7. Affarijiet Mixxellanji**

7.1 Is-Sindku informa li kien sar xogħol fuq is-saqaf tal-kappetta taċ-ċimiterju. Informa wkoll li, permezz ta' donazzjoni tal-materjal, seta' jsir ukoll xogħol fuq ir-rixtellu tal-ħadid tal-istess ċimiterju.

7.2 Elizabeth Ebejer infurmat li kien hemm bżonn tingħata spinta lill-proġett tal-bankina ta' Triq Fisher u jinqata' il-ħaxix ħażin li kien hemm matul din it-triq. Il-Kunsill qabel u poġġa il-proġett tal-bankini fuq l-aġenda għall-laqgħa mal-Perit Magri.

7.3 Elizabeth Ebejer tat rendikont dettaljat tal-proġetti afdati f' idejha:

- Laqgħat mal-kittieba: dan il-proġett ser jibda' fl-14 ta' Diċembru 2013, u hu maħsub li dawn il-laqgħat jibdew isiru is-Sibt wara nofs in-nhar, bejn wieħed u ieħor darba kull xahar;
- Proposta li tissejjaħ laqgħa mas-Surmast tal-iskola primarja tal-Imġarr biex jiġu diskussi proposti ta' kooperazzjoni bejn l-iskola u l-kunsill;
- Tissejjaħ 'round-table conference għan-nisa tal-Imġarr biex il-Kunsill jilqa' is-suġġerimenti, l-aspettattivi u proposti tagħhom;
- Infurmat li hi flimkien mas-Sindku kellha laqgħa ma' Fr Paul Chetcuti dwar il-kors għall-miżżewġin, li hu ppjanat li jsir f' Mejju u Ġunju 2014.

**Aġġornament**

Is-Seduta ntemmet fid-9 :13pm u ġiet aġġornata għal-Ħamis 21 ta' Novembru 2014, b' laqgħat oħra ta' support li ser jissejjħu aktar kmien qabel din id-data.

***Cyprian Dalli***
Segretarju Ezekuttiv

***Paul Vella***
Sindku

# Kunsill Lokali L-Imġarr

22, Triq Sir Harry Luke, L-Imġarr, MGR 1501, Malta
Tel : 21 520011 / 27 520011 Fax : 21 522252
mgarr.lc@gov.mt
***www.mgarrlc.com***

**ADDENDA**
**Laqgħa tal-Kunsill Lokali ta' l-Imġarr nhar is-6 ta' Novembru 2013-11-18**

Il-Kunsill Lokali ta' l-Imġarr iltaqgħa illum, l-Erbgħa 6 ta' Novembru 2013, biex jiddiskuti :

*1. l-offerti mitfugħha bħala risposta għas-sejħa tal-kwotazzjonijiet li għalqu fl-istess jum;*
*2. Nominazzjoni tal-Ambaxxatur/Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ;*
*3. Affarijiet Oħra.*

Attendew is-Sindku, Paul Vella,id-Deputat Sindku Eman Vella, il-Kunsilliera Clayton Gauci, Elizabeth Ebejer u Mario Sammut, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv, Cyprian Dalli.

**1. Offerti tal-Kwotazzjonijiet**

Fil-bidu tal-laqgħa, is-Segretarju Eżekuttiv, fil-preżenza ta' Eman Vella u Clayton Gauci, fetaħ il-kaxxa tal-offerti li ttieħdu mill-ewwel fuq il-mejda tal-laqgħa.

Instabu l-offerti segwenti:

- **Kwotazzjoni MGR 2013/K8** – Manutezjoni u Restawr tan-Niċċa tal-Madonna f' Binġemma, limiti ta' L-Imġarr

Il-Kunsill irċieva 3 offerti:

| | |
|---|---|
| Camray Company Ltd.: | €2835.00 |
| Eleven22 Co. Ltd.: | €2870.00 |
| Agius Stone Works Ltd.: | €3023.00 |

Il-Kunsill qabel li jilqa' l-offerta ta' Camray Company Ltd. peress li kellu l-aktar offerta vantaġġjuża.

- **Kwotazzjoni MGR 2013/K9** – Manutezjoni u Restawr tas-Salib tal-ġebel ta' taħt il-Knisja Parrokkjali ta' l-Imġarr

Il-Kunsill irċieva 3 offerti:

| | |
|---|---|
| Camray Company Ltd.: | €1500.00 |
| Eleven22 Co. Ltd.: | €2540.00 |
| Agius Stone Works Ltd.: | €2613.00 |

Il-Kunsill qabel li jilqa' l-offerta ta' Camray Company Ltd. peress li kellu l-aktar offerta vantaġġjuża.

- **Kwotazzjoni MGR 2013/K10** – Apparat u sistema ta' Online Live-Streaming

Il-Kunsill irċieva 2 offerti:
Smart Technologies Ltd.: €2077.98
Correct Termination Ltd.: €4897.00 (€590.00 optional ta' manutenzjoni għall-4 snin kull sena)

Is-Segretarju Eżekuttiv issuġġerixxa li, ġaladarba id-dettalji ta' din is-sejħa ħarġu minn Memo uffiċċjali tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali u peress li fil-Kunsill ma kien hemm ħadd li għandu kompetenza teknika dwar dan is-servizz, kien ser jikkoordina mad-Dipartment biex jara minn jista' jagħti parir tekniku u janalizza dawn iż-żewġ offerti għan-nom tal-Kunsill.

- **Kwotazzjoni MGR 2013/K11** – Railing tal-ħadid iggalvanizzat fil-bandli ta' Triq l-Alwiża, fl-Imġarr

Il-Kunsill irċieva 9 offerti:

| | | |
|---|---|---|
| Vassallo Building Ltd.: | | €5099.78 |
| MQUIP: | | €6969.00 |
| General Mainteance Ltd.: | | €7080.00 |
| Joseph Bonello: | | €4498.00 |
| Intersteel Fence Ltd. | Option 1: | €2940.00 |
| | Option 2: | €3310.00 |
| Publius Attard: | | €6325.00 |
| Frankie Mifsud: | | €5950.00 |
| Jamar Malta Ltd. | Option 1: | €3731.40 |
| | Option 2: | €8307.20 |
| | Option 3: | €3957.72 |

Il-Kunsill qabel li javviċina lill-Intersteel Fence Ltd. peress li kellu l-aktar offerta vantaġġjuża.

**2. Nominazzjoni tal-Ambaxxattur/Ambaxxattriċi taż-Żgħażagħ.**

Il-Kunsill ressaq lista ta' 5 kandidati għall-dan ir-rwol:

- Elaine Vella
- Matthew Borg
- Jonathan Gianino
- Warren Taliana
- Diana Vassallo

Wara diskussjoni u analizi ta' kwalitajiet ta' kull wieħed minn dawn il-kandidati, ġie maqbul li is-Sinjorina Elaine Vella tiġi nnominata. Jekk hi ma taċċettax, Matthew Borg jiġi nnominat.
Is-Segretarju Eżekuttiv ser ikun qed jinfurmaha.

Kunsill Lokali L-Imġarr
22, Triq Sir Harry Luke, L-Imġarr, MGR 1501, Malta
Tel : 21 520011 / 27 520011 Fax : 21 522252
mgarr.lc@gov.mt
www.mgarrlc.com

**3. Affarijiet Mixxellanji**

3.1 Il-Kunsill wera' x-xewqa li tissejjaħ laqgħa mas-Segretarju Parlamentari għall-Ippjanar u is-Simplifikazzjoni tal-Proċessi Amministrattivi, l-Onorevoli Dr. Michael Farrugia, biex jiġu diskussi diversi proġetti tal-Kunsill li għadhom qed jistennew deċiżjonijiet tal-MEPA.
Is-Segretarju Eżekuttiv ser ikun qiegħed jikkoordina din il-laqgħa mas-Segretarjat tal-Onorevoli Farrugia.

3.2 Clayton Gauci ppropona li ssir laqgħa maċ-Chief Executive Officer tal-MEPA, is-Sur Johann Buttigieg dwar il-proġett ta' Darrenzi minħabba diffikultajiet li instabu fil-proċess ta' permessi. Clayton Gauci u Eman Vella ser ikunu qed jikkoordinaw u jattendu din il-laqgħa.

***Cyprian Dalli***
Segretarju Ezekuttiv

***Paul Vella***
Sindku